

MT

MT

MT



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 4.9.2009
KUMM(2009) 446 finali

2009/0123 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA .../.../KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' [...]

**dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq
(verżjoni kkodifikata)**

(test b'rilevanza ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa għall-poplu, il-Kummissjoni tisħaq li tissimplifika u tiċċara il-liġi tal-Komunita sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli liċ-ċittadin komuni u b'hekk toffrilu aktar opportunitajiet u ċ-ċans li juża d-drittijiet speċifiċi li tagħtih.

Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi b'mod sostanzjali, jibqgħu imferxin bejn l-att oriġinali u atti segwenti li jemendaw l-oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' riċerka mdaqqa li tqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli preżenti.

Għalhekk hu essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tal-Komunita tkun ċara u trasparenti.

2. Għalhekk fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att leġislattiv għandu jiġi kkodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, u tenfasizza li din hi kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw li jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke wara inqas emendi biex jiżguraw li r-regoli tal-Komunita huma ċari u jinftehm malajr.
3. Il-Konklużjoni tal-Prezidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan², waqt li saħqu l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza għal-liġi applikabbli.

Il-kodifikazzjoni għandha sseħħ skond il-proċedura normali leġislattiva tal-Komunita.

Għalkemm l-ebda bidla sostanzjali ma tista ssir lill-atti li jiġu kkodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 li jistgħu jużaw proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni bikrija ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta hi li sseħħ il-kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq³. Id-Direttiva l-ġdida tissupera lill-atti varji inkorporati fiha⁴; din il-proposta żżomm il-kontenut kollu ta' l-atti li qed jiġu kkodifikati u għalhekk kull ma tagħmel hu li tgħaqqadhom bl-emendi formali biss kif meħtieġ mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.
5. Il-proposta tal-kodifikazzjoni nħasbet a bażi ta' konsolidazzjoni preliminarja fl-ilsna kollha uffiċjali tad-Direttiva 90/50/KE u ta' l-atti li jemendawha, magħmula mill-Uffiċċju għall-Publikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' data. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrelazzjoni bejn in-numri ġodda u qodma tidher fit-tabella misjuba fl-Anness V tad-Direttiva kkodifikata.

¹ COM(87) 868 PV.

² Ara l-Anness 3 għal Parti A tal-Konklużjonijiet.

³ Magħmul skond il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni ta' l-*Acquis Communautaire*, COM(2001) 645 finali.

⁴ Ara l-Anness IV Parti A għal din il-proposta.

↓ 95/50/KE

2009/0123 (COD)

DIRETTIVA .../.../KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta'

**dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq
(verżjoni kkodifikata)**

(test b'rilevanza ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 71 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁵,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regjuni⁶,

Mixjin skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251 tat-Trattat⁷,

Billi:

↓

- (1) Id-Direttiva 95/50/KE tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq⁸ ġiet emendata kemm-il darba⁹ b'mod sostanzjali. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kkodifikata.

⁵ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁶ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁷ ĠU L [...], [...], p. [...].

⁸ ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35.

⁹ Ara l-Anness IV, Parti A.

↓ 95/50/KE (adattat)

- (2) Verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq isiru f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1100/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 22 t'Ottubru 2008 li jittratta dwar it-tneħħija ta' kontrolli li jsiru fil-fruntieri ta' l-Istati Membri fil-qasam tat-trasport fit-triq u l-baħar¹⁰ u mar-Regolament (KEE) Nru 3912/92 tas-17 ta' Diċembru 1992 dwar kontrolli li jsiru fil-limiti tal-Komunità fil-qasam tat-trasport fit-triq u l-baħar fejn huma kkonċernati mezz ta' trasport reġistrati jew li jkunu tpoġġew fiċ-ċirkulazzjoni f'pajjiż terz¹¹.

↓ 95/50/KE Premessa 3 (adattat)

- (3) Għall-finijiet tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport¹² tal-merkanzija perikoluża, il-proċeduri rispettivi għal verifika u d-definizzjonijiet li jirrigwardaw dan it-tip ta' trasport għandhom jiġu armonizzati kif meħtieġ biex ikunu f'konformità mal-grad ta' kwalità ta' sigurtà stabbiliti hawnhekk biex ikunu verifikati b'mod aktar effettiv.

↓ 95/50/KE

- (4) L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell suffiċjenti ta' verifiki fuq il-vetturi kkonċernati fit-territorju kollu tagħhom waqt, fejn possibbli, li tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' dawn il-verifiki.

↓ 95/50/KE Premessa 5 (adattat)

- (5) L-għanijiet biex jittejjeb il-livell ta' sigurtà tat-trasport ta' merkanzija perikoluża ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala tad-daqs jew l-effetti ta' l-azzjoni proposta, jinkisbu b'mod aħjar fuq il-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5.

↓ 95/50/KE

- (6) Għandhom isiru verifiki billi tintuża lista ta' oġġetti komuni li japplikaw għal dan it-trasport fil-Komunità kollha.

¹⁰ ĠU L 304, 14.11.2008, p. 63.

¹¹ ĠU L 395, 31.12.1992, p. 6.

¹² ĠU L 260, 30.09.2008, p. 13.

↓ 95/50/KE Premessa 7 (adattat)

- (7) Huwa neċessarju li tinżamm lista ta' ksur ta' regolamenti meqjusa bħala serji ħafna mill-Istati Membri kollha, li għandhom iwasslu biex jiġu applikati miżuri xierqa għall-vetturi kkonċernati, skond iċ-ċirkustanzi jew il-kriterji ta' sigurtà, li jinkludu, fejn meħtieġ, iċ-ċaħda tad-dħul tal-vetturi kkonċernati fil-Komunità.

↓ 95/50/KE

- (8) Biex tiġi mtejba l-konformità mal-grad ta' kwalità ta' sigurtà għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq, huwa meħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet għal verifiki li għandhom isiru f'impriżi bħala miżura ta' prevenzjoni jew meta fit-triq jkun ġie reġistrat ksur serju ta' liġijiet li jikkonċernaw it-trasport ta' merkanzija perikoluża.
- (9) Dawn il-verifiki għandhom japplikaw għall-konsenji kollha ta' merkanzija perikoluża li jinġarru kompletament jew parzjalment fit-triq fil-limiti tat-territorju ta' l-Istati Membri, irrispettivament mill-punt tat-tluq jew id-destinazzjoni tal-merkanzija jew il-pajjiż li fih il-vettura hija reġistrata.
- (10) Fl-eventwalità ta' ksur serju jew ripetut ta' liġijiet, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih il-vettura tkun reġistrata jew li fih l-impriża tkun stabbilita, jista' jintalab biex jieħu l-miżuri meħtieġa u billi dawn għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru li qed jagħmlu t-talba dwar x' miżuri jkunu ttieħdu bħala riżultat.
- (11) L-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiġi segwita fuq il-baż ta' rapport li għandu jingħata mill-Kummissjoni.

↓

- (12) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttiprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' l-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni¹³.

↓ 2008/54/EC Premessa 4
(adattat)

- (13) B'mod partikolari, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħali tadatta l-Annessi għal din id-Direttiva għall-progress xjentifiku u tekniku. Ladarba daww il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, iridu jkunu adottati skond il-proċedura regolatorjabbli skrutinju prevista fl-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

¹³ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

- (14) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trażpożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness IV, Parti B,

↓ 95/50/KE (adattat)

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal verifiki li jsiru mill-Istati Membri fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq f'vetturi li jivvjaġġaw fit-territorju tagħhom jew li jidħlu fih minn pajjiżi terzi.

Din m'għandhiex tkun tapplika għat-trasport ta' merkanzija perikoluża b'vetturi li jappartjenu jew li jkunu taħt ir-reponsabbilità tal-forzi armati.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex taffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri, fejn għandha x'taqsam il-liġi tal-Komunità, li jagħmlu verifiki fuq it-trasport nazzjonali u internazzjonali ta' merkanzija perikoluża fil-limiti tat-territorju tagħhom li jsir permezz ta' vetturi mhux koperti b'din id-Direttiva.

Artikolu 2

Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva:

- (a) “vettura” għandha tfisser kull vettura bil-mutur maħsuba għall-użu fit-triq, kemm kompluta jew le, li jkollha minn ta' lanqas erba' roti u maħsuba għal veloċità massima li teċċedi aktar minn 25 km/s flimkien bit-trailers tagħha, u bl-eċċezzjoni ta' vetturi li jinstantu fuq il-linji tal-ferrovija, ta' tractors li jintużaw fir-raba' u l-foresti u l-makkinarju mobbli kollu;
- (b) “merkanzija perikoluża”: il-merkanzija perikoluża kif indikata fl-Artikolu 1, punt b) tal-Ftehim Ewropew dwar it-trasport internazzjonali ta' oġġetti perikolużi bit-triq (ADR), konkluż f'Ġinevra fit-30 ta' Settembru 1957, u fl-Annessi A u B ta' dak il-Ftehim, kif imsemmija fit-Taqsima I.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2008/68/KE .
- (ċ) “trasport” għandu jfisser kull operazzjoni ta' trasport fit-triq li ssir, kompletament jew parzjalment, permezz ta' vettura fuq toroq pubbliċi fil-limiti tat-territorju ta' Stat Membru, u li tkun tinkludi t-tagħbija jew il-ħatt ta' merkanzija koperti mid-Direttiva, mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti stabbiliti bil-liġijiet ta' l-Istati Membri li jikkonċernaw obbligi ta' operazzjonijiet bħal dawn;
- (d) “impriża” għandha tfisser kull persuna naturali jew legali, kemm jekk qed tfittex qligħ jew le, kull għaqda jew grupp ta' persuni mingħajr personalità legali, kemm jekk qed tfittex qligħ jew le, u kull min jiġi taħt awtorità pubblika, kemm jekk dan ikollu personalità legali jew ikun jiddependi fuq awtorità li jkollha din il-personalità,

li ġġorr, tgħabbi jew tħott merkanzija perikoluża, jew iġġiegħlhom jiġu trasportati, u dawk li jaħżnu temporanjament, jiġbru, jippakkjaw, jew iwasslu din il-merkanzija bħala parti minn operazzjoni ta' trasport u li jkunu jinsabu fit-territorju tal-Komunita;

- (e) "verifika" għandha tfisser kull verifika, kontroll, spezzjoni, verifikazzjoni jew formalita li ssir mill-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet ta' sigurtà marbutin mal-trasport ta' merkanzija perikoluża.

Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li proporzjon rappreżentattiv ta' konsenji ta' merkanzija perikoluża li jinġarru fit-triq ikunu suġġetti għall-verifiki stabbiliti b'din id-Direttiva, biex tiġi verifikata l-konformita tagħhom mal-liġijiet dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq.

Dawn il-verifiki għandhom isiru fit-territorju ta' Stati Membru f'konformita mal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1100/2008 u l-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 3912/92.

Artikolu 4

1. Biex isiru il-verifiki stabbiliti b'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mil-lista ta' verifika fl-Anness I. Kopja ta' din il-lista ta' verifika jew attestat li juri r-riżultat tal-verifika li tkun twettqet mill-awtorita għandha tingħata lis-sewwieq tal-vettura u tkun ippreżentata meta meħtieġ biex b'hekk tissimplifika jew ikunu evitati, fejn possibbli, verifiki oħra.

Dan il-paragrafu m'għandux jipprejudika d-dritt ta' l-Istati Membri biex jagħmlu miżuri speċifiki għal verifiki dettaljati.

2. Il-verifiki għandhom isiru mingħajr pjann minn qabel u kemm jista' jkun possibbli għandhom ikopru porzjon estensiv tax-xibka tat-toroq.

3. Il-postijiet magħżula għall-verifiki għandhom ikunu tali li vetturi li jkunu qed jiksru l-liġijiet iġibuhom f'konformita magħhom jew, jekk l-awtorita li qed tagħmel il-verifika taħseb li jkun aħjar, li dawn jitwaqqfu fuq il-post jew f'post maħsub għal dan l-għan mill-istess awtorita mingħajr ma jikkawżaw periklu tas-sigurtà.

4. Fejn ikun meħtieġ u jekk dan ma jkunx joħloq periklu għas-sigurtà, kampjuni tal-merkanzija li qed tinġarr jistgħu jittieħdu biex jiġu eżaminati fl-laboratorji li huma rikonoxxuti mill-awtorita kompetenti.

5. Il-verifiki m'għandhomx jeċċedu tul ta' żmien raġonevoli.

Artikolu 5

Mingħajr pregiudizzju għal penali oħra li jistgħu jiġu imposti, vetturi involuti fil-ksur ta' waħda jew aktar tar-regolamenti tal-trasport ta' merkanzija perikoluża, b'mod speċjali dawk imniżżla fl-Anness II, jistgħu jitwaqqfu jew fuq il-post jew f'post maħsub għal dan l-għan mill-awtorita li qed tagħmel il-verifiki u jkunu obbligati jinġiebu f'konformita qabel ma

jkomplu l-vjaġġ tagħhom, jew inkella jkunu suġġetti għal miżuri oħra xierqa, jiddependu miċ-sċirkustanzi jew il-kriterji ta' sigurtà li jinkludu, fejn meħtieġ, ukoll ir-rifjut illi vetturi bħal dawn jidħlu fil-Komunità.

Artikolu 6

1. Verifiki jistgħu jsiru wkoll fil-bini stess ta' l-impriżi, bħala miżura ta' prevenzjoni jew fejn fit-triq ikun ġie reġistrat il-ksur tar-regolamenti tal-trasport ta' merkanzija perikoluża, liema ksur ipoġġi s-sigurtà f'riskju kbir.

L-għan ta' dawn il-verifiki għandhom jiżguraw li l-kondizzjonijiet ta' sigurtà għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq ikunu konformi mal-liġijiet rilevanti.

2. Fejn ikun ġie reġistrat il-ksur ta' waħda jew aktar mir-regolamenti tat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq, b'mod speċjali dawk imniżżla fl-Anness II, it-trasport konċernat għandu jinġiebu f'konformità qabel mal-merkanzija tħalli l-impriża jew inkella dan ikun suġġett għal miżuri oħra li jkunu xierqa.

Artikolu 7

1. L-Istati Membri għandhom jgħinu lil xulxin biex jagħtu l-effett xieraq għal din id-Direttiva.

2. Ksur serju jew ripetut tar-regolamenti li jpoġġu f'riskju s-sigurtà tal-trasport ta' merkanzija perikoluża kkawżat minn vettura jew impriża li mhumiex residenti għandhom jiġu rappurtati lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih il-vettura tkun reġistrata jew li fih l-impriża tkun stabbilita.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih ikun ġie reġistrat il-ksur serju jew ripetut tar-regolamenti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih il-vettura hija reġistrata jew li fih l-impriża hija stabbilita biex dawn jieħdu l-miżuri xierqa kontra min qed jikser il-liġi.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-aħħar għandhom javżaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih ikun ġie reġistrat il-ksur tar-regolamenti dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu kontra min qed iġorr jew l-impriża.

Artikolu 8

Jekk it-tiftix li jkun sar fuq vettura reġistrata fi Stat Membru ieħor jagħtu wieħed x'jifhem li sar ksur serju jew ripetut tar-regolamenti, iżda li ma jistgħux ikunu magħrufa matul dik il-verifika minħabba in-nuqqas ta' informazzjoni neċessarja, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri konċernati għandhom jgħinu lil xulxin biex is-sitwazzjoni tiġi ċċarata.

Fejn, għal dak il-għan, l-Istat Membru kompetenti jagħmel verifiki fl-impriża, l-Istati Membri l-oħra konċernati għandhom ikunu avżati dwar ir-riżultati.

Artikolu 9

1. Kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni, għal kull sena kalendarja u mhux aktar tard minn tna-x-il xahar wara t-tmiem ta' dik is-sena, rapport magħmul f'konformità mal-mudell ta' l-Anness III, meta din id-Direttiva tkun tibda tapplika, li jkun jinkludi fih id-dettalji li ġejjen:

- (a) jekk possibbli, il-volum stabbilit jew stmat ta' merkanzija perikoluża li se jinġarru fit-triq (f'termini ta' tunnelli li se jinġarru jew ta' tunnelli/kilometri);
- (b) in-numru ta' verifiki li jkunu saru;
- (ċ) in-numru ta' vetturi verifikati skond il-post tar-reġistrazzjoni (vetturi reġistrati lokalment, fi Stati Membri oħra jew f'pajjiżi terzi);
- (d) in-numru u t-tipi ta' ksur ta' regolamenti li jkunu ġew reġistrati;
- (e) it-tip u n-numru ta' penalitajiet li jkunu ġew imposti.

2. Il-Kummissjoni għandha tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, għall-ewwel darba fl-1999 u wara għal ta' lanqas kull tliet snin, rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva mill-Istati Membri, fejn jiddikjaraw id-dettalji f'konformità mal-paragrafu 1.

↓ 2008/54/KE Art. 1 (adattat)

Artikolu 10

L-emendi meħtieġa biex jiġu addattati l-Annessi I, II u III għall-progress xjentifiku u tekniku fl-oqsma koperti minn din id-Direttiva, b'mod partikolari biex jieħdu in konsiderazzjoni l-emendi għad-Direttiva 2008/68/KE . Dawk il-miżuri għandhom ambitu ġenerali u huma mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, iridu jkunu adottati skond il-proċedura regolatorjati skrutinju prevista fl-Artikolu 11(2) ta' din id-Direttiva.

Artikolu 11

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meħjuna mill-kumitat dwar it-trasport tal-merkanzija perikoluża imwaqqaf bl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2008/68/KE .

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5a (1) sa (4) u Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom jgħoddu, wara li jitqiesu d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

↓ 95/50/KE Art. 10 (adattat)

Artikolu 12

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar it-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi domestika li huma jadottaw fil-qasam ikkontrollat b'din id-Direttiva.

↓

Artikolu 13

Id-Direttiva 90/50/KE, kif emendata mid-Direttivi mniżżla fl-Anness IV, Parti A hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi mniżżla fl-Anness IV, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness V.

↓ 95/50/KE Art. 11 (adattat)

Artikolu 14

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ ☒ fl-għoxrin jum wara dak ☒ tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

↓ 95/50/KE Art. 12

Artikolu 15

Din id-Direttiva hi ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

ANNEX I

Lista ta' Verifika

⊗ (msemmi fl-Artikolu 4) ⊗

- | | | |
|--|--------------------------------------|---|
| 1. Post tal-verifika | 2. Data | 3. Ħin |
| 4. Marka nazzjonali u n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura | | |
| 5. Marka nazzjonali u n-numru tar-reġistrazzjoni tat-trejler/semitrejler | | |
| 6. Impriża li qed twettaq it-trasport/indirizz | | |
| 7. Sewwieq/ assistant tas-sewwieq | | |
| 8. Konsenjatur, indirizz, post tat-tagħbija ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | | |
| 9. Destinatarju, indirizz, post tal-ħatt ⁽¹⁾ ⁽²⁾ | | |
| 10. Kwantità totali ta' merkanzija perikoluża għal kull unità tat-trasport | | |
| 11. ADR 1.1.3.6 kwantità li biha nqabeż il-limitut | <input type="checkbox"/> iva | <input type="checkbox"/> le |
| 12. Mod tat-trasport | <input type="checkbox"/> volum | <input type="checkbox"/> pakkett <input type="checkbox"/> tank |
| Dokumenti abbord | | |
| 13. Dokument tat-trasport | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 14. Istruzzjonijiet bil-miktub | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 15. Ftehim bilaterali/multilaterali/awtorizzazzjoni nazzjonali | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 16. Ċertifikat tal-approvazzjoni għall-vetturi | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 17. Ċertifikat tat-taħriġ tas-sewwieq | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| Operazzjoni tat-trasport | | |
| 18. Merkanzija awtorizzata għat-trasport | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 19. Vetturi awtorizzati għall-merkanzija li qed tinġarr | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 20. Dispożizzjonijiet relatati mal-mod tat-trasport (volum, pakkett, tank) | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 21. Projbizzjoni ta' tagħbijiet imħallta | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 22. Tagħbija, irbit tat-tagħbija u tqandil ⁽³⁾ | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 23. Likiġ tal-merkanzija jew ħsara lill-pakkett ⁽³⁾ | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 24. Marka tal-pakkett NU/ marka tat-tank ⁽²⁾ ⁽³⁾ (ADR 6) | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 25. Marka tal-pakkett (pereżempju nru NU) u tikkettar ⁽²⁾ (ADR 5.2) | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |
| 26. Plakard tat-tank/tal-vettura (ADR 5.3.1) | <input type="checkbox"/> ispezzjonat | <input type="checkbox"/> vjolazzjoni stabbilita <input type="checkbox"/> mhux applikabbli |

27. Marka tal-vettur/ tal-unità tat-trasport (pjanċa oranġjo, temperatura elevata) (ADR 5.3.2-3) ispezzjonat vjolazzjoni stabbilita mhux applikabbli

Tagħmir abbord

28. Tagħmir tas-sigurtà tal-użu ġenerali speċifikat fl-ADR ispezzjonat vjolazzjoni stabbilita mhux applikabbli

29. Tagħmir skont il-merkanzija qed tinġarr ispezzjonat vjolazzjoni stabbilita mhux applikabbli

30. Tagħmir ieħor speċifikat fl-istruzzjonijiet bil-miktub ispezzjonat vjolazzjoni stabbilita mhux applikabbli

31. Tagħmir għat-tifi tan-nar ispezzjonat vjolazzjoni stabbilita mhux applikabbli

39. Il-kategorija tar-riskju l-aktar serju tal-vjolazzjonijiet stabbiliti, jekk applikabbli Kategorija I Kategorija II Kategorija III

40. Rimarki

41. Awtorità/uffiċjal li għamel l-ispezzjoni

⁽¹⁾ Imla biss jekk rilevanti għal xi vjolazzjoni.

⁽²⁾ Irid jiġi dikjarat taħt "rimarki" għall-operazzjonijiet ta' trasport 'groupage'.

⁽³⁾ Verifika għal-vjolazzjoni.

ANNEX II

VJOLAZZJONIJIET

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, il-lista mhux eżawrjenti li ġejja, klassifikata f'tlett kategoriji ta' riskju (il-Kategorija I hija l-aktar serja) tagħti linja gwida dwar dak li għandu jitqies bħala vjolazzjoni.

Għad-determinazzjoni tal-kategorija tar-riskju xierqa għandha tingħata kunsiderazzjoni liċ-ċirkustanzi partkolari u titħalla għad-diskrezzjoni tal-korp/uffiċjal tal-infurzar fit-triq.

Nuqqasijiet li mhumiex elenkati taħt il-kategoriji tar-riskju għandhom jiġu klassifikati skont id-deskrizzjoni tal-kategoriji.

Fil-każ li jkun hemm diversi vjolazzjonijiet għal kull unità tat-trasport, il-kategorija tar-riskju l-aktar serja biss (kif indikat taħt entrata 39 fl-Anness I) għandha tiġi applikata għall-finijiet tar-rappurtaġġ (b'konformita' mal-mudell li jinstab fl-Anness III).

1. KATEGORIJA TAR-RISKJU I

Fejn in-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ADR rilevanti johlq riskju ta' livell għoli ta' mewt, korriment personali serju jew danni sinifikanti lill-ambjent it-tali nuqqasijiet normalment iwasslu għat-teħid ta' miżuri korrettivi immedjati u xierqa bħall-immobilizzazzjoni tal-vettura.

Il-nuqqasijiet huma:

- (1) Hemm projbizzjoni fuq it-trasport tal-merkanzija perikoluża li qed tingħarr;
- (2) Likiġ ta' sustanzi perikolużi;
- (3) Ġarr permezz ta' mod jew mezz projbit ta' trasport;
- (4) Ġarr ta' volumi f'kontejner li mhuwiex strutturalment tajjeb għas-servizz;
- (5) Ġarr f'vettura mingħajr ċertifikat xieraq ta' approvazzjoni;
- (6) Il-vettura ma għadhiex tikkonforma mal-istandards ta' approvazzjoni u tippreżenta perikolu immedjat (inkella taqa' taħt il-kategorija tar-riskju II);
- (7) Qed jintuża ppakkjar mhux approvat;
- (8) L-ippakkjar ma jikkonformax mal-istruzzjoni applikabbli tal-ippakkjar;
- (9) Nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet speċjali dwar l-ippakkjar imħallat;

- (10) Nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw l-irbit u l-istivar tat-tagħbija;
- (11) Nuqqas ta' konformità mar-regoli li jirregolaw it-tagħbija mħallta ta' pakketti;
- (12) Nuqqas ta' konformità mal-livelli permissibbli tal-mili tat-tankijiet jew tal-pakketti;
- (13) Nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet li jillimitaw il-kwantitajiet li jinġarru f'unità waħda tat-trasport;
- (14) Il-ġarr ta' merkanzija perikoluża mingħajr indikazzjoni tal-preżenza tagħhom (pereżempju dokumenti, immarkar u ttikkettar tal-pakketti, plakards u marki fuq il-vettura);
- (15) Ġarr mingħajr plakards u marki fuq il-vettura;
- (16) Nuqqas tal-informazzjoni rilevanti dwar is-sustanza li qed tinġarr li tippermetti d-determinazzjoni tar-riskju (pereżempju n-numru NU, id-denominazzjoni, il-grupp tal-ippakkjar);
- (17) Is-sewwieq ma għandux ċertifikat ta' taħriġ vokazzjonali validu;
- (18) Qed jintuża nar jew dawl mhux protett;
- (19) Il-projbizzjoni fuq it-tipjip mhix qed tiġi osservata.

2. KATEGORIJA TAR-RISKJU II

Meta n-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet ADR rilevanti joħloq riskju ta' korriment personali jew dannu lill-ambjent it-tali nuqqasjiet normalment iwasslu għat-teħid ta' miżuri korrettivi xierqa bħal talba ta' retifikazzjoni fuq il-post tal-kontroll jekk possibbli u xieraq, iżda mhux aktar tard minn x'ħin jitlestha l-moviment tat-trasport kurrenti.

In-nuqqasijiet huma:

- (1) L-unità tat-trasport fiha aktar minn trejler/semi-trejler wieħed;
- (2) Il-vettura ma għadhiex tikkonforma mal-istandards ta' approvazzjoni iżda ma tippreżentax periklu immedjat;
- (3) Il-vettura mhux qed iġġor tagħmir għat-tifi tan-nar operattiv kif meħtieġ; it-tagħmir għat-tifi tan-nar jista' jibqa jitqies bħala operattiv jekk is-siġill preskritt biss u/jew id-data tal-għeluq huma nieqsa; madankollu, dan ma japplikax jekk jidher biċ-ċar li t-tagħmir għat-tifi tan-nar ma għadux operattiv, pereżempju il-kejl tal-pressure jindika zero;
- (4) Il-vettura ma fihiex it-tagħmir meħtieġ mill-ADR jew mill-istruzzjonijiet bil-miktub;
- (5) Hemm nuqqas ta' konformità mad-dati tat-testijiet u tal-ispezzjoni u l-perjodi ta' użu tal-ippakkjar, l-IBCs jew ippakkjar kbir;
- (6) Qed jinġarru pakketti b'ippakkjar bil-ħsara, IBCs jew ippakkjar kbir jew vojta, bil-ħsara, u mhux imnaddaf, bil-ħsara;

- (7) Merkanzija ppakkjata qed tinġarr f'kontejner li mhuwiex strutturalment tajjeb għas-servizz;
- (8) It-tankijiet/kontejners tank (inklużi dawk li huma vojta u mhux innaddfa) ma jingħalqux sew;
- (9) Ġarr ta' ippakkjar kombinat li għandu ippakkjar ta' barra li mhuwiex magħluq sew;
- (10) It-tikkettar, l-immarkar jew il-plakards mhumiex korretti;
- (11) M'hemmx istruzzjonijiet bil-miktub li jikkonformaw mal-ADR, jew l-istruzzjonijiet bil-miktub mhumiex rilevanti għall-merkanzija li qed tinġarr;
- (12) Il-vettura mhijiex superviżjonata jew ipparkjata sew.

3. KATEGORIJA TAR-RISKJU III

Fejn in-nuqqas ta' konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti jirriżulta f'riskju ta' livell baxx ta' korriment personali jew ta' dannu lill-ambjent u fejn il-miżuri korrettivi xierqa m'għandhomx bżonn jittieħdu fit-triq iżda jistgħu jiġu indirizzati aktar tard fil-post tal-intrapriża.

In-nuqqasijiet huma:

- (1) Id-daqs tal-plakards jew tat-tikketti jew id-daqs tal-ittri, il-figuri jew is-simboli fuq il-plakards jew it-tikketti ma jikkonformawx mar-regolamenti;
- (2) L-informazzjoni fid-dokumentazzjoni tat-trasport minbarra dik fil-kategorija tar-riskju I/(16) mhijiex disponibbli;
- (3) Iċ-ċertifikat tat-taħriġ mhuwiex abbord il-vettura iżda hemm evidenza li s-sewwieq għandu wieħed.

↓ 2004/112/KE Art. 1 u
Anness III

ANNES III

Mudell tal-formula standard għar-rapport li għandu jintbagħat lill-Kummissjoni dwar il-vjolazzjonijiet u l-penalitajiet

Pajjiż:

Sena:

VERIFIKI TAT-TRASPORT TAL-MERKANZIJA PERIKOLUŻA BIT-TRIQ

		Post tar-reġistrazzjoni tal-vetturi ⁽¹⁾			Għadd totali
		Pajjiż tal-verifika	Stati Membri oħra tal-UE	Pajjiżi terzi	
Għadd ta' unitajiet tat-trasport verifikati fuq il-bażi tal-kontenut tat-tagħbija (u l-ADR)					
Għadd ta' unitajiet tat-trasport li ma jikkonformawx mal-ADR					
Għadd ta' unitajiet tat-trasport immobilizzati					
Għadd ta' vjolazzjonijiet innotati, skont il-kategorija tar-riskju ⁽²⁾	Kategorija tar-riskju I				
	Kategorija tar-riskju II				
	Kategorija tar-riskju III				
Għadd ta' penalitajiet imposti, skont it-tip ta' penalià	Kawzjoni				
	Multa				
	Oħrajn				

STIMA TAL-KWANTITÀ TOTALI TAL-MERKANZIJA TRASPORTATA BIT-TRIQ: t	jew t/km
---	---------	----------------

⁽¹⁾ Għall-finijiet ta' dan l-Anness il-pajjiż tar-reġistrazzjoni huwa dak tal-vettura motorizzata.

⁽²⁾ Fil-każ ta' diversi vjolazzjonijiet għal kull unità tat-trasport, għandha tiġi applikata biss il-kategorija tar-riskju l-aktar serja (kif indikat taħt l-entrata 39 fl-Anness I).



ANNEX IV

Parti A

Direttiva mħassra flimkien mal-lista tal-emendi suċċessivi tagħha (imsemmija fl-Artikolu 13)

Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE	(ĠU L 249, 17.10.1995, p. 35)
Direttiva 2001/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(ĠU L 168, 23.6.2001, p. 23)
Direttiva tal-Kummissjoni 2004/112/KE	(ĠU L 367, 14.12.2004, p. 23)
Direttiva 2008/54/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill	(ĠU L 162, 21.06.2008, p. 11)

Parti B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali (imsemmi fl-Artikolu 13)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni
95/50/KE	31 ta' Diċembru 1996
2001/26/KE	23 ta' Diċembru 2001
2004/112/KE	14 ta' Diċembru 2005
2008/54/EC	_____

ANNEX V

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 95/50/KE	Din id-Direttiva
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2 l-ewwel inċiż	Artikolu 2(a)
Artikolu 2 it-tieni inċiż	Artikolu 2(b)
Artikolu 2 it-tielet inċiż	Artikolu 2(c)
Artikolu 2 ir-raba' inċiż	Artikolu 2(d)
Artikolu 2 il-ħames inċiż	Artikolu 2(e)
Artikolu 3(1)	Artikolu 3 l-ewwel paragrafu
Artikolu 3(2)	Artikolu 3 it-tieni paragrafu
Artikolu 4(1) l-ewwel sentenza	Artikolu 4(1) l-ewwel subparagrafu
Artikolu 4(1) it-tieni sentenza	Artikolu 4(1) it-tieni subparagrafu
Artikolu 4(2) sa (5)	Artikolu 4(2) sa (5)
Artikolu 5	Artikolu 5
Artikolu 6(1)	Artikolu 6(1) l-ewwel subparagrafu
Artikolu 6(2) l-ewwel subparagrafu	Artikolu 6(1) it-tieni subparagrafu
Artikolu 6(2) it-tieni subparagrafu	Artikolu 6(2)
Artikolu 7	Artikolu 7
Artikolu 8 l-ewwel sentenza	Artikolu 8 l-ewwel subparagrafu
Artikolu 8 t-tieni sentenza	Artikolu 8 t-tieni subparagrafu
Artikolu 9(1) l-ewwel inċiż	Artikolu 9(1)(a)
Artikolu 9(1) it-tieni inċiż	Artikolu 9(1)(b)
Artikolu 9(1) it-tielet inċiż	Artikolu 9(1)(c)
Artikolu 9(1) ir-raba' inċiż	Artikolu 9(1)(d)
Artikolu 9(1) il-ħames inċiż	Artikolu 9(1)(e)

Artikolu 9(2)

Artikolu 9a

Artikolu 9b

Artikolu 10(1)

Artikolu 10(2)

-

Artikolu 11

Artikolu 12

Anness I, II u III

-

-

Artikolu 9(2)

Artikolu 10

Artikolu 11

-

Artikolu 12

Artikolu 13

Artikolu 14

Artikolu 15

Anness I, II u III

Anness IV

Anness V